MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 296/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Borg talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulim minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u cioe` fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju u Gunju tas-sena 2002, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, naqas milli jhallas lil martu Mary Rose Borg is-somma ta' LM360 fix-xahar bhala manteniment ghaliha u ghall-uliedhom minuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-19 ta' Novembru 2002 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Mario Borg hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu (izda limitatament ghax-xhur ta' Mejju u

Gunju, 2002) u kkundannatu ghall-piena ta' ghoxrin jum detenzjoni; u ddikjarat preskritta l-azzjoni in kwantu tirrigwarda x-xhur ta' Frar, Marzu u April, 2002;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Borg, minnu prezentat fid-29 ta' Novembru 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza riferibbilment ghal dik il-parti fejn huwa nstab hati u gie kkundannat;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Dana l-kaz jipprezenta fattispeci inkwjetanti ghal din il-Qorti u dan riferibbilment mhux ghall-meritu proprju ta' l-appell izda minhabba allegazzjoni li saret fil-konfront ta' wiehed mill-avukati li kellu l-appellant.

2. Ir-rikors ta' appell, ipprezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fih xejn anqas minn wiehed u ghoxrin faccata, li huwa fih innifsu abbuz tal-process gudizzjarju meta si tratta ta' proceduri <u>sommarji</u>. U, jekk forsi wiehed seta' jahseb li dan ma kienx bizzejjed, anness mar-rikors ta' appell hemm wiehed u tletin faccata dokumenti ohra, konsistenti f'kopja ta' rikors ta appell <u>f'kawza ohra</u> u kopja minn diversi atti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ir-rikors ta' appell (mis-sentenza tad-19 ta' Novembru, 2002) fih hafna ripetizzjoni, li ggib necessarjament telf ta' zmien ghal din il-Qorti; u, ghal xi raguni inspjegabbli, ir-rikors huwa ffirmat mhux biss mill-avukat – l-ewwel avukat li kellu l-appellant – izda wkoll mill-istess appellant. Il-Qorti taghmilha cara li ghall-finijiet u effetti kollha tal-proceduri odjerni (u salv ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 994 tal-Kap. 12) huwa l-avukat li jiffirma tali rikors li jassumi r-responsabbilta` shih ghall-forma u ghall-kontenut tieghu.

3. Ghalkemm din il-Qorti qrat bir-reqqa l-wiehed u ghoxrin faccata tar-rikors, dan tant fih ripetizzjoni u dilungar inutili li biex din il-Qorti tkun zgura li fehmet x'inhuma l-aggravji ta' l-appellant, fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2003 – meta issa l-appellant kien qed jigi patrocinat minn avukat iehor, cioe` mhux dak li ffirma r-rikors – ordnat lid-difensur ta' l-appellant (cioe` lit-tieni avukat)

sabiex jipprezenta nota qasira ta' rikapitolazzjoni. Din in-nota giet debitament prezentata fil-5 ta' Gunju, 2003, fiha faccata wahda u hames paragrafi li fihom hemm b'mod konciz u car l-aggravji ta' l-appellant.

4. Il-provi tal-prosekuzzjoni f'dan il-kaz jikkonsistu f'kopja legali tad-digriet tas-Sekond Awla tal-21 ta' Marzu, 2000, u fid-deposizzjoni ta' mart l-appellant; hemm imbghad id-deposizzjoni ta' l-istess appellant u d-dokumenti minnu ezibiti mar-rikors ta' appell (li din il-Qorti ma ordnatx l-isfilz taghhom kif kellha s-setgha li taghmel). Skond id-digriet imsemmi l-appellant kellu jissomministra lil martu s-somma ta' disghin lira fil-gimgha (Lm35 ghaliha u Lm55 ghaz-zewgt itfal taghhom). Din il-Qorti hi sodisfatta li ghall-hames xhur indikati fl-imputazzjoni l-appellant ma tax sold lil martu. Mhux il-kaz, ghalhekk, li ta xi somma <u>anqas</u> minn dik ordnata mill-Qorti kompetenti civili, kif ipprova jfisser fid-deposizzjoni tieghu: semplicement ma ta assolutament xejn. L-appellant, meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2003, qal li kien naqaslu x-xoghol u li allura ma setax ikompli jhallas disghin lira fil-gimgha. Fuq mistoqsija tal-Qorti, qal li hu ma' kienx ghamel rikors biex jitlob varjazzjoni fil-manteniment ghax l-avukat tieghu – l-ewwel avukat – <u>kien qallu li rikors simili jigi jiswielu sitt mija w hamsin lira (Lm650)</u> u hu ma kellux flus f'dak l-ammont.

5. Pero` <u>mid-dokumenti ezibiti mill-istess appellant mar-rikors ta' appell tieghu</u> jirrizulta li huwa <u>kien ipprezenta rikors</u> li fih talab, *inter alia*, varjazzjoni fl-ammont tal-manteniment li kien gie ordnat ihallas (ara d-dokument a fol. 60). Mhux car jekk dan ir-rikors kienx iffirmat mill-ewwel avukat li kien semmielu s-sitt mija w hamsin lira jew minn avukat iehor – il-firma fuq dan it-tieni rikors hija ta' avukat mara, mentri l-appellant, meta xehed, donnu qed jirreferi ghal avukat ragel. Dan ir-rikors gie pprezentat fl-atti tal-kawza ***Borg Mary Rose v. Borg Mario*** (Citaz 912/01 RCP). Dan ir-rikors gie pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2002 – cioe` fi tmiem wiehed mix-xhur li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni – u t-talba ghall-varjazzjoni fl-ammont tal-manteniment giet michuda mill-Prim Awla b'digriet tal-10 ta' Lulju, 2002 (ara l-istess fol.

60). Mhux hekk biss, izda, dejjem a bazi tad-dokumenti ezibiti mill-istess appellant, jirrizulta li f'kawza ohra fl-ismijiet inversi, u cioe` ***Mario Borg v. Mary Rose Borg*** (Citaz 2577/00), il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2002 ikkonfermat id-digriet tas-Sekond Awla tal-21 ta' Marzu, 2000 riferibbilment ghall-hlas tal-manteniment u l-modalitajiet tal-pagament. Jidher, ghalhekk, li l-Prim Awla kellha kull opportunita` li tiehu konjizzjoni tat-tibdil allegat fil-mezzi ta' l-appellant, u waslet ghall-konkluzzjoni li kellha tibqa' tithallas is-somma ta' disghin lira fil-gimgha.

6. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant li hu kien fl-impossibilita` li jhallas ma jistax jigi milqugh minn din il-Qorti, anqas ghall-finijiet ta' mitigazzjoni fil-piena, stante li, kif inghad, il-qorti civili kompetenti kellha l-opportunita` li tezamina l-kwistjoni tal-mezzi u ghal darba darbtejn ikkunfermat l-ammont ta' disghin lira fil-gimgha.

7. Kwantu ghall-aggravji l-ohra, din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Certament din il-Qorti, bhall-Qorti tal-Magistrati, m'ghandhiex tissoprassjedi sakem jigu decizi finalment il-kawzi ta' separazzjoni bejn l-appellant u martu. Kieku Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali kellha taghmel hekk meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, mhux biss tkun qed tmur kontra l-principju elementari li l-kawza kriminali u l-kawza civili huma indipendenti minn xulxin, izda tkun qed tivvanifika l-iskop kollu tal-Artikolu 338(z) imsemmi.

8. Kwantu ghall-aggravji dwar in-nullita` tal-kawza ta' separazzjoni prezentata minn mart l-appellant, u l-konnessjoni ta' l-imputazzjoni odjerna ma' imputazzjonijiet ohra (f'kawzi pendenti jew ga decizi) minhabba li hawn si tratta ta' reat kontinwat, dawn iz-zewg aggravji huma wkoll infondati. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tghid aktar fir-rigward ta' dan l-appell.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghal kull buon fini din il-Qorti qed tiddikjara li ser tressaq l-allegazzjoni ta’ l-appellant dwar l-ammont ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650) indikat jew mitlub mill-ewwel avukat tieghu biex isir rikors ghall-varjazzjoni fl-ordni ghall-hlas tal-menteniment, quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja biex, jekk ikun il-kaz, jittiehdu l-passi mehtiega mill-istess Kummissjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------